

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Flus/Talbiet Monetarji](#) > [Tariffi Tal-qorti Dwar Il-proċedura Tal-ħlas Ewropea](#) > [Poland](#)

# Tariffi tal-qorti dwar il-proċedura tal-ħlas Ewropea

Il-kontenut ipprovdut minn  
Polonja



Polonja

## Introduzzjoni

It-tariffi fil-proċedimenti ċivili huma regolati mill-Att dwar l-Ispejjeż tal-Qorti (Kawżi Ċivili) tat-28 ta' Lulju 2005 (test konsolidat: Ġurnal tal-Liġijiet tal-2014, partita 1025). Bħala regola, trid titħallas tariffa għal kull dikjarazzjoni ta' talba li tiġi ppreżentata, inklużi talbiet ippreżentati bħala parti mill-proċedimenti rregolati mir-Regolament (KE) Nru 1896/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 *li jorloq proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea* ("I-EOP"). L-Att dwar l-Ispejjeż tal-Qorti (Kawżi Ċivili) (it-Title IV - Eżenzjoni mill-ispejjeż tal-qorti) jippermetti li jiġi ppreżentat rikors għal eżenzjoni minn dawn l-ispejjeż.

## Liema tariffi huma applikabbli?

It-tariffi applikabbli fil-każ tal-EOP huma tariffi fissi skont l-ammont tas-somma inkwistjoni u tariffa proporzjonali li għandha titħallas jekk l-ammont tas-somma inkwistjoni huwa ta' aktar minn PLN 20 000.

## Kemm għandi nħallas?

Tariffi rigward rikorsi għal Ordni ta' ħlas Ewropea huma ddeterminati skont l-ammont tas-somma inkwistjoni:

1. sa PLN 500: tariffa ta' PLN 30;
2. bejn PLN 500 u PLN 1 500: tariffa ta' PLN 100;
3. bejn PLN 1 500 u PLN 4 000: tariffa ta' PLN 200;
4. bejn PLN 4 000 u PLN 7 500: tariffa ta' PLN 400;
5. bejn PLN 7 500 u PLN 10 000: tariffa ta' PLN 500;
6. bejn PLN 10 000 u PLN 15 000: tariffa ta' PLN 750;
7. bejn PLN 15 000 u PLN 20 000: tariffa ta' PLN 1000.

F'kawżi li jikkonċernaw drittijiet tal-proprjetà, jekk l-ammont inkwistjoni jew il-valur inkwistjoni fl-appell jaqbeż il-PLN 20 000, tariffa proporzjonali għandha titħallas fl-ammont ta' 5 % ta' dak l-ammont jew valur, għal massimu ta' PLN 200 000.

F'każ ta' talba biex tiġi miċħuda EOP, titħallas nofs it-tariffa.

## X'jiġri jekk ma nħallasx it-tariffi tal-qorti fil-ħin?

Skont l-Artikolu 126<sup>2</sup> §tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili tas-17 ta' Novembru 1964 (Ġurnal tal-Liġijiet Nru 43, partita 269, kif emendat), il-qorti ma tieħu l-ebda miżura b'rispons għal dokument proċedurali li fuqu ma tħallsix it-tariffa applikabbli. Fi kliem ieħor, it-tariffa trid titħallas meta jiġi ppreżentat dokument proċedurali (dikjarazzjoni tat-talba) mal-qorti li għandha ġurisdizzjoni jew meta jrid jiġi ppreżentat rikors għal eżenzjoni mill-ispejjeż tal-qorti.

Il-konsegwenzi proċedurali għan-nuqqas ta' ħlas tat-tariffi għal dokument proċedurali huma speċifikati fl-[Artikoli](#)

130 u 130<sup>2</sup> tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u bnadi oħra.

Skont l-Artikolu 130 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, jekk att proċedurali (inkluż rikors) ma jkunx jista' jiġi pproċessat minħabba li t-tariffa ma tkunx tħallset, l-imħallef li jkun qed jippresjedi jitlob lill-parti tagħmel dak il-ħlas fi żmien ġimgħa, u jekk tonqos milli tagħmel dan, l-att proċedurali jintbagħat lura. Jekk id-dokument proċedurali ġie ppreżentat minn persuna li tgħix barra l-pajjiż li ma għandha l-ebda rappreżentant fil-Polonja, l-imħallef presedenti għandu jispeċifika limitu taż-żmien għall-ħlas tat-tariffa, li ma jstax ikun iqsar minn xahar. Jekk it-tariffa ma titħallasx fil-ħin, id-dokument proċedurali jintbagħat lura lill-parti. Jekk it-tariffa titħallas fil-ħin, id-dokument proċedurali jipproduċi l-effetti legali mid-data tal-preżentata tiegħu.

Skont l-Artikolu 130<sup>2</sup> tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, dokument proċedurali ppreżentat minn avukat jew avukat tal-privattivi mingħajr il-ħlas tat-tariffa jiġi rritornat mingħajr talba għall-ħlas jekk it-tariffa tkun fissa jew proporzjonali għall-ammont tat-tilwima kif speċifikat mill-parti. Madankollu, jekk it-tariffa għad-dokument proċedurali titħallas fi żmien ġimgħa min-notifika tad-deċiżjoni biex jiġi rritornat id-dokument, id-dokument ikollu effetti legali mid-data li fiha ġie ppreżentat.

## Kif inħallas it-tariffi tal-qorti?

L-arranġamenti għall-ħlas tat-tariffi tal-qorti f'kawżi ċivili huma rregolati mill-[Ordinanza](#) tal-Ministru għall-Ġustizzja tal-21 ta' Marzu 2016 li tistabbilixxi l-arranġamenti għall-ħlas tat-tariffi tal-qorti f'kawżi ċivili (Ġurnal tal-Liġijiet Nru 27, partita 199), li qiegħda timplimenta l-leġiżlazzjoni għall-imsemmi Att dwar l-Ispejjeż tal-Qorti (Kawżi Ċivili).

It-tariffi tal-qorti f'kawżi ċivili jistgħu jitħallsu f'forma mhux bi flus kontanti fil-kont kurrenti tal-qorti li għandha ġuriżdiżjoni (id-dettalji tal-kont jistgħu jinkisbu direttament mill-qorti jew minn fuq is-sit elettroniku tagħha jew dak tal-Ministeru tal-Ġustizzja), direttament fl-uffiċċju tal-kaxxier tal-qorti jew fil-forma ta' bolol tat-tariffi tal-qorti li jistgħu jinxtraw mill-uffiċċju tal-kaxxier tal-qorti.

## X'għandi nagħmel wara l-ħlas?

Hekk kif jitħallsu t-tariffi u jiġu solvuti l-irregolaritajiet, il-qorti toħroġ Ordni ta' Ħlas Ewropea.

---

■ L-aħħar aġġornament: 28/08/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.